DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE, Euratom) 2017/2224

tat-30 ta' Novembru 2017

li temenda d-Deċiżjoni tal-Implimentazzjoni 2014/844/UE, Euratom li tawtorizza lil Malta li tuża ċerti stimi approssimattivi għall-kalkolu tar-riżorsi proprji li ġejjin mit-taxxa fuq il-valur miżjud

(notifikata bid-dokument C(2017) 7861)

(It-testi bl-Ingliż u bil-Malti biss huma awtentiċi)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE, Euratom) Nru 1553/89 tad-29 ta' Mejju 1989 dwar l-arranġamenti uniformi definittivi għall-ġbir ta' riżorsi proprji li jakkumulaw mit-taxxa tal-valur miżjud ([1]), u b'mod partikulari it-tieni inċiż tal-Artikolu 6(3) tiegħu,

Wara li kkonsultat lill-Kumitat Konsultattiv dwar ir-Riżorsi Proprji,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 387 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE ([2]), Malta tista', skont il-kundizzjonijiet li japplikaw f'dak l-Istat Membru fid-data tal-adeżjoni tagħha, tkompli teżenta t-tranżazzjonijiet kif imsemmi fil-punt 9 tal-Parti B tal-Anness X ta' dik id-Direttiva, sakemm l-istess eżenzjoni hi applikata fi kwalunkwe mill-Istati Membri li kienu membri tal-Komunità fit-30 ta' April 2004. F'konformità ma' dak l-Artikolu dawk it-tranżazzjonijiet iridu jittieħdu inkunsiderazzjoni għad-determinazzjoni tal-bażi tar-riżorsi proprji tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT).

(2) Permezz tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/844/UE, Euratom ([3]), Malta kienet awtorizzata tuża perċentwali fissi tal-bażi intermedja għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punti 8 u 10 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE dwar l-ilma pubbliku u t-trasport tal-passiġġieri.

(3) Fl-ittra tagħha tal-25 ta' April 2017, Malta talbet awtorizzazzjoni mill-Kummissjoni biex tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tar-riżorsi proprji tal-VAT għat-tranżazzjonijiet imsemmija fil-punt 9 tal-Parti B tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward ta' bini ġdid u art għall-bini. Fil-kalkolu tal-kumpens għall-provvista ta' bini ġdid u art għall-bini, Malta tivvaluta li l-prezz tal-art għall-bini tiswa d-doppju tal-bini l-ġdid. Il-kalkolu tal-valur preċiż tal-art għall-bini jinvolvi pożijiet amministrattivi li ma jkunux ġustifikati fir-rigward tal-effett tat-tranżazzjonijiet in kwistjoni fuq it-total tal-bażi ta' riżorsi tal-VAT ta' Malta. Għalhekk Malta jinħtieġ li tingħata awtorizzazzjoni biex tikkalkula r-riżorsi proprji tal-VAT billi tuża estimi approssimattivi rigward il-bini l-ġdid u l-art għall-bini.

(4) Għal fini ta' trasparenza u ċertezza legali huwa xieraq li jkun hemm limitu ta' żmien għall-applikabbiltà tal-awtorizzazzjonijiet.

(5) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/844/UE, Euratom, tiġi emendata skont dan,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/844/UE, Euratom jiżdied l-Artikolu 2a li ġej:

"*Artikolu 2a*

Għall-fini tal-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT mill-1 ta' Jannar 2017 sal-31 ta' Diċembru 2021, Malta hija awtorizzata li tuża estimi approssimattivi fir-rigward tat-tranżazzjonijiet imsemmija f'punt 9, Parti B, tal-Anness X tad-Direttiva 2006/112/KE (bini ġdid u art għall-bini)."

([1]) ĠU L 155, 7.6.1989, p. 9.
([2]) Id-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU L 347, 11.12.2006, p. 1).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/844/UE, Euratom tas-26 ta' Novembru 2014 li tawtorizza lil Malta biex tuża ċerti estimi approssimattivi għall-kalkolu tal-bażi tar-riżorsi proprji tal-VAT (ĠU L 343, 28.11.2014, p. 33).

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Novembru 2017.

Għall-Kummissjoni
Günther OETTINGER
Membru tal-Kummissjoni